MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 283/2012

**Appell Numru: 283/2012**

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**Vs**

***Omissis***
**Joseph Abela**

Illum, 14 ta’ Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Joseph Abela, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 429990M talli:

*Omissis* wahdu akkuzat talli nhar is-26 t’ Ottubru 2011 ghall- habta tas-1300hrs gewwa Mthaleb limiti tar-Rabat,

1. Waqt li kien qed jaghmel uzu minn air rifle tal-ghamla Diana, bil-hsieb li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Josephine Spencer detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 801746M, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu (Art 41, 216 u 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Josephine Spencer f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Josephine Spencer ta' 65 sena u ghalhekk fuq persuna li ghalqet l-eta ta' sittin sena, liema offiza giet maghmula b'arma regulari u hija kklasifikata bhala hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Maria Farrugia Med. Reg. 5288 (Art 214, 215, 221(1)(2), 222A(1) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Fl-istess data hin, lok u cirkostanzi, bhala detentur ta' licenzja taht xi disposizzjoni ta' l-Att dwar l-Armi kellu pussess jew garr xi arma tan-nar mhux specifikati f'dik il-licenzja u cioe air rifle tal-ghamla Diana (Art. 52 ta' Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fuqu arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma regolari (Art. 55(a) ta' Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

Fl-istess jum wara nofs inhar, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija Rabat,

5. Halef il-falz quddiem Dr. Gabrielle Zammit LL.D ufficjal li kellha s-setgha b'ligi li taghti l-gurament liema gurament kien mehtieg mil-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta(Art. 108 (1)(a) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Lil Joseph Abela wahdu akkuzat talli nhar is-26 t' Ottubru 2011 ghal habta tas-1300hrs gewwa Mthaleb limiti tar-Rabat;

6. Kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar u cioe' air rifle ta' l-ghamla Diana, minghajr ma kellu licenzja taht l-Att dwar l-Armi ghal fatt illi din l-arma setghet tingarr biss waqt attivita ta' sparar gewwa kamp jew facilita' ta' l-isparar li jkollhom licenzja kif ukoll lejn u minn dak il-kamp jew facilita u wara dik l-attivita sportiva (Art. 5(1)(6) ta' Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. Fl-istess data u cirkostanzi bhala detentur ta' licenzja naqas milli jhares il-pattijiet ta' dik il-licenzja (Art 52 ta' Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. Fl-istess data u cirkostanzi, bhala persuna li ghandu licenzja biex ikollu fil-pussess tieghu xi arma regolari jew munizzjon naqas milli jzomm dawk l-oggetti fil-kustodja tieghu b'tali mod li dawn ma jigux f'idejn haddiehor (Art 47(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija ta' *Omissis*, barra mill-piena tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit f'kull kaz li jkun u dan kif mahsub f'Artikolu 109 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti gentilment mitluba thassar jew tissospendi l-licenzja mahruga taht l-Att dwar l-Armi u tipprojbixxi lil *Omissis* u Joseph Abela milli jkollhom xi licenzja ghal zmien li jidrilha xieraq u dan kif mahsub f'Artikolu 57 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-arma tan-nar air rifle ta' l-ghamla Diana, bhala arma li ngarret bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Armi u dan kif mahsub f'Artikolu 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Gunju, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 41, 215, 216, 217, 222(1)(2), 222A(1), 108(1)(a) 31 u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 52 u 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat *Omissis* hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-interdizzjoni generali tal-hati kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud ghal perijodu ta' ghaxar (10) snin millum.

Wara li rat l-artikoli 5(1)(6), 52 u 47(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Abela hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum

B'applikazzjoni tal-Artikolu 57 tal-Kap. 480 tal-Ligiijet ta' Malta l-Qorti qed thassar u tissospendi l-licenzji mahruga taht l-Att Dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta) f'isem l-imputati *Omissis* u Joseph Abela u tipprojbihom milli jzommu licenzja mahruga taht l-imsemmi Kap. 480 ghall-perijodu ta' hames (5) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Lijgijiet ta' Malta l-Qorti inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-arma tal-ghamla Diana liema arma giet esebita formalment waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar, 2012.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigu hekk mitluba bil-miktub ihallsu lir-Registratur tal-

Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta' hames mija u tmenin ewro u tmienja u sittin centezmu (€580.68) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Abela pprezentat fis-6 ta' Gunju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' htija ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront ta' l-esponenti u dan billi timponi piena inqas harxa u aktar gusta fil-konfront tieghu kif jidrilha xieraq u opportun din il-Qorti.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u cioe':-

1. Illi l-esponenti hassu aggravat mis-sentenza deciza nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2012, inkwantu gie ikkundannat ghal tnax (12) il-xahar prigunerija sospizi ghall perjodu ta' sentejn (2) mid-data tas-sentenza u iktar u iktar 1-istess Qorti pprojbietu milli jzomm licenzja mahruga taht 1-imsemmi Kap 480 ghall-perjodu ta' hames (5) snin mid-data tas-sentenza;

2. Illi 1-esponenti hassu talvolta aggravat b'tali decizjoni hekk kif bid-dovut rispett, il-Qorti kienet harxa wisq, ghaliex filwaqt li kien ragel bizzejjed illi mhux biss ammetta quddiem 1-Qorti li zbalja li kien qieghed igorr arma minghajr licenzja u mhux waqt attivita ta sparar gewwa facilita ta' 1-isparar li jkollhom licenzja ghal ta' 1-apposta, izda wkoll, illi filwaqt li ma kienx hu li laqghat lil Josephine Spencer, huwa xorta mar hdejha ghal ghajnuna u kkopera mal-ewwel mal-pulizija;

3. Illi bla dubju ghandha tigi meqjusa ukoli il-fedina penali netta ta' 1-esponenti;

4. Illi 1-esponenti jistqarr illi huwa jahdem, ghandu karriera quddiemu u ghandu jigi kkunsidrat ukoll li 1-esponent mrobbi minn familja tajba u rispettata;

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-26 ta’ Ottubru, 2011 l-appellant kien qieghed ma siehbu Brandon Vella b’air rifle ta’ l-ghamla Diana f’idejhom ghal skopijiet ta’ kacca. Sfortunatament waqt li Brandon Vella kien qed jaghmel uzu minn dan ir-rifle laqat involontarjament lil certa Josephine Spencer ta’ 65 sena. L-appellant tressaq il-Qorti fid-9 ta’ Frar, 2012 izda hemmhekk fl-istat bikri ta’ dawn il-proceduri refa’ r-responsabilta tieghu u ddecieda illi jammetti l-akkuza kollha migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti osservat id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artiklu 453 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-1 ta’ Gunju, 2012 tat is-Sentenza taghha fejn ikkundannat lill-appellant ghal sena habs sospizi ghal sentejn.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. L-agravju tieghu qieghed principalment ghal fatt illi l-piena kienet harxa wisq fil-konfront tieghu meta tqis illi ma kienx hu illi laqat lill-vittma. Di piu kkopera hafna mall-pulizija mill-bidu nett ta’ dawn l-investigazzjonijiet u ghalhekk kien jimmerita aktar konsiderazzjoni mill-Qorti.

Ikkunsidrat.

Il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizijz vs Martin J. Camilleri moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-20 ta’ Jannar, 1995 qalet, *“Fuq ammissjoni ta’ l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall- kundanna tieghu, almeno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta’ l-imputazzjoni jew li ma kienetx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni jew fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-Ligi tikkundah cioe’ ssibu hati ta’ reat.”* L-ewwel Qorti ghamlet propju dan u meta giet biex

tikkunsidra l-piena rat il-fedina penali nadifa ta' l-appellant, ukoll hadet in konsiderazzjoni illi rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-procedura u kien propju ghalhekk illi l-ewwel Qorti deherilha illi piena karcerarja sospiza kienet tkun aktar idonja u hekk ghamlet. Il-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena meta dana jirrizulta li tkun fil-paremetri tal-Ligi. L-ewwel Qorti mponiet piena fl-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi dina tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------